# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 5 t' Awwissu 2013, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-Kunsill se jagħzel l-izjed kwotazzjoni vantaġjuza għall-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-poeżiji/proza [ref punt nru. 3.3]

3.2 Is-Sindku qal illi t-tabella ta' triq San Ġwann [ref punt 3.4] kwazi lesta biex teħel wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla. Is-Sindku zied illi hemm xogħolijiet izjed importanti li qegħdin isiru. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi peress illi din hija tabella fid-daħla tar-raħal hija waħda importanti u jemmen illi kellha tingħata izjed urġenza. Is-Sindku rrisponda li saru xogħolijiet madwar ir-raħal biex nevitaw il-perikli li kienu eżistenti. Qal illi dawn kellhom isiru b'izjed urġenza u li kienu ilhom jeżistu

għal ħin twal. Qal ukoll illi l-persuna li kien ġabar u ħadem fuq it-tabella naqqas milli ltaqa miegħu darbtejn, u għalhekk dam xi ftit ix-xogħol.

3.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi dax-xahar se jsir ħafna xogħol għal-awdjovisual fiż-żmien il-festa. Qal illi intervistaw persuna oħra wkoll [ref punt 3.6]. Rigward l-isponsors qal illi t-talba se tkun ta' madwar €500 [main sponsor] u bejn €100-€200 għall-oħrajn.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill, u l-Viċi Sindku, ta' Ħal Kirkop ma rrispondewx l-emajl fejn għamel talba għar-rimbors tal-flus li l-Kunsill neffaq għal kors tal-piroteknika [ref ount nru. 3.9]. Is-Sindku qal illi l-flus ma nteffqux waqt li l-kunsillier Carlo Stivala qal illi sema li m'hemmx flus u jidubita li se nieħdu dak li hu tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-ftehim mal Ex Sindku [u ex-koordinatur] ta' Ħal Kirkop kien illi nieħdu l-flus lura f'Marzu 2014. Is-Sindku qal illi s-sinjorina Antoinette Cefai [Viċi Sindku u koordinatur preżenti tal-kors] qalet li l-flus qegħdin għalihom u għalhekk għandhom ikollhom il-flus biex iħallsu lura.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva kwota ta' €358.95 [+ €125 għal bozza] għall-projector minn A-Z electronics. Il-Kunsill se jistenna sakemm jirċievi izjed kwotazzjonijiet.

3.6 Is-Sindku talab spjegazzjoni mill-kunsillier Publius Abdilla rigward il-kumment tiegħu fuq il-leaflet tal-iskolaSajf [ref punt 3.14]. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm ħafna 'instructions' u għandha tkun izjed 'friendly'. Is-Sindku qal illi hemm l-istess kliem li uzaw fis-snin preċedenti. Il-kunsillier Publius Abdilla rrisponda li jifhem illi uzajna l-istess leaflet fil-passat u qajjem is-suġġet għax irċieva suġġeriment minn residenti. Qal illi hemm bzonn li l-leaflet tiġbed in-nies biex japplikaw għall-iskolaSajf u li aċċetta li baqgħet l-istess bħas-snin preċedenti.

3.7 Is-Sindku qal illi l-inġineer u l-kuntrattur mingħand min se nixtru l-equipment għal Labour Office ltaqaw u l-materjal bzonnjuz għandu jasal fil-ġimgħat li ġejjin [ref punt nru 3.16]

3.8 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi s-Sindku kellu jieħu kunsillier ieħor miegħu meta mar jitkellem mal-Kurja [ref punt nru 3.17]. Qal illi hemm 2 kunsilliera fil-Kunsill li għandhom esperjenza fil-Kunsill u li kienu jkunu t'għajnuna fin-negozji li saru. Qal illi hu kien ikun lest ifakkar il-Kurja fuq dak kollu li ħadu mir-residenti ta' Ħal Safi u stajna nigonezjaw aħjar. Is-Sindku qal illi ma ltaqax magħhom wiċċ imbwiċċ għax dawn l-ammonti ntqalu fuq it-telefon. Qal illi kien mar il-Kurja sempliciment biex jagħmel it-talba, mhux meta nnegozzjaw. Qal ukoll illi ma rċieviex l-ammonti b'emajl bħal ma qalu li se

jibagħtu. Is-Sindku zied ukoll illi l-Isqof kien qal li ġie hawn biex jaħdem magħna, izda sfortunatament f’dan il-mument il-Kunsill ma sabx l-għajnuna mill-Kurja. Zied ukoll illi l-Kunsill se jkollu jfittex alternattiva oħra fejn tista ssur in-Night Shelter.

3.9 Is-Sindku qal illi twaħħlet il-mera ta’ triq Salvu Cauchi [ref punt nru. 3.21]

3.10 Is-Sindku qal illi sab garaxx kbir fejn is-sid qed jitlob għal LM998 fis-sena. Il-Kunsill qabel illi nagħmlu kuntratt għall-użu ta’ dan il-garaxx [ref punt 6] jekk ma nsibux alternattiva irħas. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi se jara ma persuna oħra li għandu garaxx għall-bejgħ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi b’kwotazzjoni nagħdu.

3.11 Is-Sindku qal illi wara li tkellem mal-Perit ġie deċiż illi m’hemmx għalfejn inaqqsu mill-area tal-ġnien biex nagħmlu l-proġett fil-ġnien 31 ta’ Marżu 1979 [ref punt 8]. Qal illi l-MEPA kellhom biss pjanta antika.

3.12 Is-Sindku qal illi t-tabelli ta’ triq Ta’ Ġawħar għadhom iridu jsiru [ref punt nru 9.1]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm min dawarhom issa.

3.13 Il-Viċi Sindku qal illi għandu ‘target’ biex is-serata mużika-letterarja [ref punt nru. 9.6] ssir fis-sajf ta’ 2014 u ssuġġerixxa li ssir barra (quddiem il-kappella ta’ Santa Marija). Qal illi s-surmast Tony Pace diġa qal illi hu lest jgħin.

**4. Korrespondenza**

4.1 Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bagħtu Memo rigward inizjattiva ta’ Car Free Day f’Settembru 2013. Peress illi fil-15 ta’ Settembru t-toroq illi-kunsilliera esprimew l-opinjoni li nagħtu fastidju lir-residenti jekk nerġgħu nagħlqu t-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv se jitlob għall-izjed informazzjoni u l-applikazzjoni ssir jekk tista ssir l-għada tal-attivita tal-15 ta’ Settembru.

4.2 Il-Bord tal-Gvernanza se jibqaw bid-deċiżjoni li ttieħdet rigward il-każ tal-Pulizija vs il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil [9 ta’ Lulju 2013]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ogeżjoni li ma ħadux il-versjoni tiegħu u li ma rċieva l-ebda risposta mingħandhom għal korrespondenza tiegħu.

4.3 Is-surmast Tony Pace għamel talba biex ibiddel l-isem tal Kor KREATTIV. Is-Sindku qal illi dan il-proġett sar bl-għajnuna t'4 entitajiet fejn l-ikbar spalla dejjem kienet il-Kunsill. Jemmen illi dawn l-4 entitajiet għandhom jibqaw jagħtu l-istess tip t'għajnuna li l-Kor sab mingħandhom tul l-aħħar snin u ma jaqbilx illi l-isem għanda tinbiddel għall-vantaġġ tal-Kor. Qabel mar-rimarka tal-kunsillier Publius Abdilla li hija ħaġa positiva li membri tal-Kor ikunu jistgħu jidħlu fis-Sine Macula imma ma qabilx li għandna nbiddlu l-isem u nitilfu s-saħħa tagħna fit-titolu ta' dan il-programm wara l-għajnuna kollha li sabu minn naħa tal-Kunsill fil-passat u fil-preżent. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel u qal illi min irid ikun jista jifforma parti mis-Sine Macula waqt illi jibqaw fil-Kor KREATTIV. Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa x'inhu l-iskop illi jinbiddel l-isem u s-Segretarju Eżekuttiv se jitlob risposta mis-surmast Tony Pace. Is-Sindku qal illi s-surmast mar jagħmel it-talba lill-Kappillan u jemmen illi kellu jibgħat l-entitajiet kollha fil-bidu nett. Is-Sindku qal illi għandna nieħdu deċiżjoni wara li nirċievu risposta mis-sur Pace, u wara konsultazzjoni mal-entitajiet kollha għax ma jixtieqx illi ttieħdet deċiżjoni għal xejn li se taffetwa l-membri kollha tal-Kor. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi mhux ġust illi l-Kunsill ma jidhirx meta dejjem tajna sehemna fil-Kor. Qabel illi l-Kor titlek il-poter jekk jinbiddel l-isem.

4.4 Il-Kunsill irċieva r-rapport tal-Playing Fields. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien avza lis-sur Vincent Cassar tal-MCCAA li mingħajr fondi l-Kunsill ma jistax jonfoq il-flus fuq il-manutenzjoni sħiħ ta' dawn il-playingfields. Qal ukoll illi bagħat l-emajl lil DLG fejn qal illi Kunsill qegħdin jistennew għall-aħbar rigward applikazzjoni għal fondi għall-manutenzjoni tal-PlayingFields li kienu ħarġu 'l fuq minn sentejn ilu.

4.5 Il-kumpanija Ozone bagħat emajl bir-rati tagħhom għal użu ta' telefony u internet wara li ltaqaw mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Is-Segretarju qal illi dawn ir-rati huma izjed vantaġjuzi minn dawk illi l-Kunsill qed iħallas għal Go bħalissa u jekk wieħed jikkonsidra 'like-for-like' l-infieq għal-kirja tal-linji u r-rati kull minuta, mal-Ozone għandna niffrankaw. Is-Segretarju Eżekuttiv se jara ma Kunsill illi juzaw is-servizz t'Ozone jekk fil-fatt jemmnu li qegħdin jiffrankaw il-flus fuq dawn is-servizzi.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsilliera qablu, u ffirmaw il-PAS ta' din is-seduta.

## 6. Ħwejjeġ oħra

6.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk hemm xi zvilupp rigward ix-xogħolijiet li qegħdin isiru f'triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi l-Ministru Onor Joe Mizzi kien qalu li tal-Ħeritage qegħdin izommu x-xogħol lura peress illi kienu sabu bir.

6.2 Is-Sindku qal illi l-ħaddiema qegħdin isaqqu l-parti bejn il-latrina [Public Convenience] u l-lift. Qal illi fil-kamra li se teżisti hemm, jista jsir klinik żgħira biex isiru l-injezzjonijiet tal-influwenza, kif ukoll is-servizz għad-dwiefer. Il-klinik se tkun minn fejn hemm l-iswitch board 'il ġewwa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil esprima l-opinjoni tiegħu li għandna noqogħdu attenti li qed isir xogħol fejn l-iswitchboard għax qegħdin inkabbru l-perikli f'kaz illi jinfaqa xi ħaġa jew jidħol l-ilma.

6.3 Is-Sindku qal illi qegħdin naqbdu n-nies jarmu barra l-Bring In Sites bis-CCTV u li hu lest jagħmel ezempju bihom biex dawn l-abbuzzi ma jerġawx isiru fir-raħal.

6.4 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa x'ġara bir-rampa ta' triq Ta' Ġawħar. Is-Sindku rriponda li din insterqet u kkonkluda hekk peress illi bdew billi ħadu biċċa, u komlew jieħdu biċċa biċċa. Qal ukoll illi mar jagħmel rapport għand il-pulizija u huma se jinvestigaw. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġerixxa li nagħmlu CCTV fl-area imma s-Sindku qal illi impossibli nagħmlu kameras kullimkien. Il-Kunsill kien qabel fil-passat illi ma nneħħux ir-rampa u s-Sindku zied illi anqas tajna permess biex jinsterqu! Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi mingħajr provi ma nistawx nagħtu tort lil ħadd.

6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi reġa applika mal-GalXlokk għall-attivita ta' Settembru fejn minflok €6000 issa tfajna applikazzjoni għal €13,500.

6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa ma raprezentant tal-MEUSAC rigward il-possibilita li nagħmlu ġemelaġġ ma Kunsill barrani. Il-kunsilliera approvaw li ssir ġemelaġġ jekk qatt tiġi l-opportunita.

6.7 Is-Sindku talab risposta mill-kunsilliera jekk jemmnu li solva l-problema tal-ħmieġ f'triq San Ġorġ. Dan għalhiex qed jirċeivi ħafna lmenti meta r-residenti ma riedux kamera fl-area, ma riedux skip u qegħdin jilmentaw mad-DLG issa. Qal illi jemmen illi hemm pika bejn residenti li jixtiequ "iweġġħu" lil xulxin imma mhux ġust illi l-Kunsill jidher ħażin meta qed jiprova jsib soluzzjoni li huma mhux qegħdin jaċċettaw. Żied ukoll illi issa għandu l-ħsieb għalfejn ma riedux jagħmlu kamera.

6.8 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk hemm toqba f'bankina f'triq San Ġorġ. Is-Sindku qal illi kien hemm waħda imma saret il-manutenzjoni fuqha.

6.9 Il-kunsillier Carlo Stivala irċeiva lment li hemm min jitfa żebgħa fit-triq Rqajja. Qal illi diġa għamlu hekk tlett darbiet.

6.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi rċieva talba mill-Każin San Pawl biex jagħmlu robult mal-ħajt tal-ATM. Il-Kunsill qabel li għandu jsir bl-istainless steel. Qal ukoll illi għamlu talba biex juzaw l-arblu l-antik għal festa u l-Kunsill qabel. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil fakkar illi l-ħsieb kien illi l-arblu jintuza għal bandiera mal-konfini tagħna taż-Żurrieq.

6.11 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi kien hemm 59 persuna għal ġita sa Kemmuna/Għawdex u ħadu pjaċir in-nies.

6.12 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-kors tad-Drama ntemmet u se jibdew f'Ottubru. L-għalliema tixtieq tisepara l-age groups bejn 5-8 u 9-12 u b'hekk l-ispejjez se jirdopjaw.

6.13 Il-Viċi Sindku qal illi Kunsill oħrajn għandhom websites tagħhom u issuġerixxa li nagħmlu waħda tagħna. Il-Kunsill qabel u s-S egretarju Eżekuttiv ħa jakwista kwotazzjonijiet

**7 Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6.15pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fil- 23 t' Awwissu.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |